MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Numru. 5/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Paul Aquilina, ta' 27 sena, bin Gaetano u Margaret nee' Azzopardi, imwieled Awstralja, nhar it-02 ta' Ottubru 1981, residenti fil-fond numru Leo House, Triq it-Tempju ta' l-Imramma, Sannat, Ghawdex dententur tal-karta ta'l-identita' numru 399397(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Paul Aquilina li gie akkuzat talli f'Ghajnsielem f'inhawi maghrufa bhala l-Imgarr, gewwa dawn il-Gzejjer, nhar il-01 ta' Gunju 2007 ghal habta tad-disgha nieqes hamsa ta' filghaxija (20:55hrs)

a. Ghamel hsara li jammonta ghal aktar minn mija u sittax il-ewro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) izda inqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha w sittin centezmu (€1164.69) ghad-detriment ta’ Salvina Fenech;
b. Ukoll talli hebb kontra il-persuna ta’ Salvina Fenech sabiex jingurjaha jdejaqha jew jaghmillha hsara;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat fis-26 ta’ Jannar 2009;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-ewwel (1) akkuza migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula llum, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) akkuza u tiddikjara l-procediment ezawrit ghar-rigward tat-tieni (2) akkuza stante r-renunzja maghmula llum seduta stante minn Salvina Fenech;

Illi dwar piena, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat hallas lill-vittma ghad-danni kagjonati lilha kif ukoll tal-ammissjoni bikrija tieghu u l-mahfra maghmula mill-vittma ta’ dan ir-reat;

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 325 tal-Kapitolu 9 filwaqt li tiddikjara l-procediment ezawrit ghat-tieni (2) akkuza, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) akkuza izda fid-dawl kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, il-Qorti qed tillibera lill-imputat b’mod inkundizzjonat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------